

EBA/GL/2024/04

09/04/2024

Linji Gwida

dwar is-sottomissjoni mill-ġdid ta' *data* storika skont il-qafas ta' rapportar tal-EBA

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida.
2. Il-Linji Gwida jstabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 17.09.2024. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2024/04". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/2021-06-26>).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Il-Linji Gwida jispeċifikaw ir-rekwiżiti għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' *data* storika mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni, f'każ li jkun hemm żbalji, ineżattezzi jew bidliet oħra fid-*data* li tkun ġiet irrapportata qabel f'konformità mal-qafas ta' rapportar superviżorju u ta' riżoluzzjoni żviluppat mill-EBA.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-qafas ta' rapportar superviżorju u ta' riżoluzzjoni żviluppat mill-EBA (standards tekniċi, Linji Gwida), fejn id-*data* tiġi sottomessa mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni fuq bażi regolari. Il-Linji Gwida japplikaw ukoll meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jissottomettu d-*data* meħtieġa mill-qafas ta' rapportar tal-EBA fuq bażi volontarja.
7. Il-Linji Gwida japplikaw fil-livell individwali, subkonsolidat u konsolidat wara l-livell ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' rapportar attwali kkonċernat.
8. Il-Linji Gwida ma japplikawx fejn il-qafas ta' rapportar tal-EBA jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għas-sottomissjoni mill-ġdid tad-*data*.
9. Il-Linji Gwida ma japplikawx għal *data* li tiġi prodotta mill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni nfushom u li mbagħad tiġi sottomessa lill-EBA.

Destinatarji

10. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.

Definizzjonijiet

11. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, it-termini li ntużaw u ġew definiti fl-atti bażiċi li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' rapportar għandhom l-istess tifsira fil-Linji Gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|-----------------------------|---|
| <i>Data</i> attwali | tfisser id- <i>data</i> bl-aktar dati ta' referenza riċenti li ġew sottomessi mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni. |
| <i>Data</i> storika | tfisser id- <i>data</i> kollha li ġiet sottomessa mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni għad-dati ta' referenza ta' qabel id- <i>data</i> ta' referenza tad- <i>data</i> attwali. |
| Qafas ta' rapportar tal-EBA | tfisser il-qafas ta' rapportar regolatorju superviżorju u ta' riżoluzzjoni żviluppat mill-EBA (standards tekniċi, Linji Gwida), f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE. |

3. Implimentazzjoni

Data tal-applikazzjoni

12. Il-Linji Gwida japplikaw minn 17.10.2024.

4. Rekwiżiti għall-istituzzjonijiet finanzjarji għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' *data* storika

13. Meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jiskopru kwalunkwe ineżattezza jew żball fid-*data* storika rrapportata, jenħtieġ li jintroduċu korrezzjonijiet fid-*data* diġà rrapportata, li jenħtieġ li tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed.
14. Il-korrezzjonijiet li għandhom jiġu sottomessi mill-ġdid lill-awtoritajiet għandhom jinkludu kemm l-elementi fejn ikunu ġew skoperti l-iżbalji kif ukoll id-*data* relatata kollha affettwata mill-korrezzjonijiet fl-istess rapporti jew f'rapporti relatati. Id-*data* kkoreġuta għandha tikkonforma mar-regoli ta' validazzjoni kollha, anki fil-moduli ta' rapportar u fil-ġerarkiji ta' validazzjoni.

15. Fejn l-iżbalji, l-ineżattezzi u l-korrezzjonijiet relatati jaffettwaw biss id-*data* attwali, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jerġgħu jissottomettu d-*data* attwali kkoreġuta lill-awtoritajiet kompetenti jew tar-riżoluzzjoni.
16. Fejn żbalji, ineżattezzi u l-korrezzjonijiet relatati fid-*data* attwali jaffettwaw ukoll id-*data* storika, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom, minbarra li jerġgħu jissottomettu d-*data* attwali kkoreġuta, jissottomettu mill-ġdid id-*data* storika affettwata għad-dati ta' referenza kif ipprovdut hawn taħt skont il-frekwenza tar-rappurtar affettwat:
- għad-*data* rrapportata bi frekwenza annwali, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jissottomettu mill-ġdid *data* storika għad-dati ta' referenza preċedenti li jmorru lura mill-inqas sena kalendarja waħda (data ta' referenza waħda minbarra d-*data* ta' referenza tad-*data* attwali);
 - għad-*data* rrapportata bi frekwenza semiannwali, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jissottomettu mill-ġdid *data* storika għad-dati ta' referenza preċedenti li jmorru lura mill-inqas sena kalendarja waħda (żewġ dati ta' referenza minbarra d-*data* ta' referenza tad-*data* attwali);
 - għad-*data* rrapportata bi frekwenza trimestrali, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jissottomettu mill-ġdid *data* storika għad-dati ta' referenza preċedenti li jmorru lura mill-inqas sena kalendarja waħda (erba' dati ta' referenza minbarra d-*data* ta' referenza tad-*data* attwali);
 - għad-*data* rrapportata bi frekwenza ta' kull xahar, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jissottomettu mill-ġdid *data* storika għad-dati ta' referenza preċedenti li jmorru lura mill-inqas sitt xhur kalendarji (mill-inqas sitt dati ta' referenza minbarra d-*data* ta' referenza tad-*data* attwali li għandha tiġi sottomessa mill-ġdid) u, fejn id-*data* ta' tmiem is-sena kalendarja preċedenti ma tkunx koperta minn dawn is-sitt xhur kalendarji, għandhom jissottomettu mill-ġdid ukoll id-dati ta' referenza kollha sal-aħħar tas-sena kalendarja preċedenti.
17. Meta l-iżbalji, l-ineżattezzi u l-korrezzjonijiet relatati fid-*data* rrapportata bi frekwenza ta' kull xahar jaffettwaw ukoll l-istess *data* jew *data* relatata rrapportata bi frekwenza differenti, l-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jikkoreġu u jissottomettu mill-ġdid ukoll id-*data* relatata għad-dati ta' referenza li jaqgħu fil-perjodu kopert mis-sottomissjoni mill-ġdid tad-*data* kkoreġuta ta' kull xahar.
18. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw frekwenzi ta' rapportar oġġla bħala miżura superviżorja f'konformità mal-Artikolu 104(1) ittra (j) tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 39(2) ittra (j) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jissottomettu mill-ġdid *data* storika f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 16 tal-Linji Gwida filwaqt li jassumu li l-frekwenzi ta' rapportar ikunu l-frekwenza regolari tar-rekwiżit ta' rapportar skont il-qafas ta' rapportar tal-EBA.

19. Fejn żbalji, ineżattezzi u korrezzjonijiet relatati jaffettwaw biss id-*data* storika sa sena kalendarja waħda qabel id-*data* attwali, b'deroga mill-paragrafu 16, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jissottomettu mill-ġdid id-*data* storika kkoreġuta għad-*data* ta' referenza fejn ikun seħħ l-iżball u għad-*data* ta' referenza kollha sad-*data* attwali jew sad-*data* ta' referenza meta d-*data* titqies bħala korretta.
20. L-obbligu għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jikkoreġu d-*data* attwali u storika għal *data* ta' referenza speċifika ma jtnaqqasx biż-żmien u l-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jieħdu azzjoni f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida mingħajr dewmien żejjed. Meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jkomplu jissottomettu mill-ġdid *data* għal *data* ta' referenza aktar tard, xorta għandhom jaġġornaw id-*data* storika ta' dak iż-żmien, ladarba jkun ġie identifikat obbligu ta' sottomissjoni mill-ġdid f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida.
21. Fejn meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jissupplimentaw id-*data* storika sottomessa mill-ġdid bi spjegazzjonijiet xierqa tal-korrezzjonijiet u r-raġunijiet relatati.
22. Skont il-valutazzjoni proprja tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-materjalità tal-korrezzjonijiet, u fejn mhux meħtieġ b'mod espliċitu mill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni, l-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jissupplimentaw id-*data* storika sottomessa mill-ġdid bi spjegazzjonijiet xierqa tal-korrezzjonijiet u r-raġunijiet jew jissottomettu mill-ġdid *data* storika għal aktar *data* ta' referenza meta mqabbla mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 16.
23. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iżommu l-kapaċitajiet tekniċi biex jissottomettu u jissottomettu mill-ġdid id-*data* rilevanti bl-użu tal-format tekniċi meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni.
24. L-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu joqogħdu lura milli jissottomettu mill-ġdid *data* storika kif previst fil-paragrafu 16 tal-Linji Gwida fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
 - a. fejn it-tweġibiet għall-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet dwar il-Ġabra Unika tar-Regoli tal-EBA² (li tkopri mistoqsijiet tekniċi kemm dwar ir-rapportar kif ukoll dwar il-politika) jipprevedu b'mod ċar li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew ir-rekwiżiti ta' rapportar tqiesu bħala mhux preċiżi u l-kjarifiki ta' tali rekwiżiti regolatorji pprovduti fit-Tweġibiet se jeħtieġu bidliet fid-*data* rrapportata. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom japplikaw il-bidliet rilevanti biss għal *data* futura għad-*data* ta' referenza wara l-pubblikazzjoni tat-tweġiba għall-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet.

Din l-eżenzjoni tapplika mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 28 tal-Linji Gwida. Huwa nnotat ukoll li l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iżommu l-approċċ ġenerali għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' *data* storika kif stabbilit fil-Linji Gwida għat-tweġibiet l-oħra kollha għall-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet, fejn il-korrezzjonijiet għad-*data* huma mistennija mit-Tweġiba;

² <https://www.eba.europa.eu/single-rule-book-qa>

- b. meta bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni tad-*data* u ta' assigurazzjoni tal-kwalità l-korrezzjonijiet jaqgħu fi ħdan il-limiti ta' tolleranza definiti permezz tar-regoli ta' arkivjar miftiehma³, u għalhekk l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-EBA jqisu d-*data* sottomessa mill-istituzzjonijiet finanzjarji bħala preċiża biżżejjed.

5. Valutazzjoni ta' *data* storika mill-awtoritajiet

- 25. Abbażi tal-eżiti tal-valutazzjonijiet tal-kwalità, il-preċiżjoni, il-konsistenza u l-kompletezza tad-*data* rrapportata mill-istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż permezz tal-validazzjoni tad-*data* u l-valutazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità tad-*data*, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-EBA jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jagħmlu bidliet u korrezzjonijiet fid-*data* attwali, u, jekk jitqies meħtieġ, ukoll fid-*data* storika.
- 26. Fejn żbalji, ineżattezzi u korrezzjonijiet relatati jkunu ġew identifikati fid-*data* sottomessa, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-EBA għandhom jeħtieġu li ssir sottomissjoni mill-ġdid tad-*data* storika kkoreġuta f'konformità mar-rekwiżiti ta' dawn il-Linji Gwida, jekk ma jkunux diġà ġew sottomessi mill-ġdid mill-istituzzjonijiet finanzjarji nfushom kif previst fit-Taqsima 4 tal-Linji Gwida.
- 27. Skont il-valutazzjoni tagħhom u l-ħtiġijiet biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-EBA jistgħu wkoll jeħtieġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu spjegazzjonijiet xierqa tal-korrezzjonijiet u r-raġunijiet għalihom, meta jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jissottomettu mill-ġdid *data* storika.
- 28. L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-EBA jistgħu jirrikjedu wkoll is-sottomissjoni mill-ġdid ta' *data* storika għal dati ta' referenza addizzjonali meta mqabbla mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linji Gwida, fejn meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti statutorji jew superviżorji tagħhom. Meta jitolbu s-sottomissjoni mill-ġdid ta' dati ta' referenza addizzjonali meta mqabbla mar-rekwiżiti ta' dawn il-Linji Gwida, l-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li tali talbiet ikunu proporzjonati fir-rigward tal-materjalità tal-iżbalji fid-*data* li tkun ġiet irrapportata qabel u fir-rigward tal-profil tar-riskju jew ir-rekwiżiti prudenzjali tal-istituzzjoni.

³ Ara l-paġna web tal-Oqfsa ta' Rapportar tal-EBA: <https://www.eba.europa.eu/risk-analysis-and-data/reporting-frameworks>

